

Brussell, 9 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15755/25

ECOFIN 1576
UEM 574
FIN 1429
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-
approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupr u r-reżiljenza għaċ-Ċekja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-8 ta' Settembru 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għaċ-Ċekja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) miċ- Ċekja fl-1 ta’ Ġunju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-8 ta’ Settembru 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni² (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Settembru 2021”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Settembru 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tas-17 ta’ Ottubru 2023³, tal-5 ta’ Novembru 2024⁴ u tat-8 ta’ Lulju 2025⁵.
- (2) Fit-3 ta’ Novembru 2025, iċ-Ċekja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Settembru 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta’ dan, iċ-Ċekja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati miċ-Ċekja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 109 miżuri.

² Ara d-dokumenti ST 11047/21 u ST 11047/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 13383/1/23, ST 13383/23 REV 1 (en) u ST 13383/1/23 ADD 1 REV 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 14663/24 u ST 14663/24 ADD 1 REV 2 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 10509/25, ST 10509/25 COR 1, ST 10509/25 COR 1 REV 1 u ST 10509/25 ADD 1 REV 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Iċ-Ċekja spjegat li 12-il miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba ċirkostanzi mhux previsti jew dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni lil hinn mill-kontroll tal-Istat Membru. Dan jikkonċerna: ir-riforma 2 (Servizzi tas-Saħħa elettronika) tal-komponent 1.1 (Servizzi diġitali għaċ-ċittadini u n-negozji); l-investment 2 (Kopertura tal-kuritur 5G u promozzjoni tal-iżvilupp tal-5G) u l-investment 3 (Appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura mobbli 5G f'żoni bojod b'investment rurali intensiv) tal-komponent 1.3 (Networks diġitali b'kapaċità għolja); l-investment 1 (Titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini tal-istat) u l-investment 3 (Titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini pubbliku) tal-komponent 2.2 (Tnaqqis tal-konsum tal-enerġija fis-settur pubbliku); l-investment 4 (Adattament tal-ekosistemi akkwatiċi, mhux tal-foresti u tal-foresti għat-tibdil fil-klima) tal-komponent 2.9 (Promozzjoni tal-bijodiversità u l-għieda kontra n-nixfa); l-investment 1 (Żvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol), l-investment 2 (Żieda fil-kapaċità tal-faċilitajiet ta' qabel l-iskola), l-investment 3 (Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali) u l-investment 4 (Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura fil-qasam tal-kura għat-tfal f'riskju) tal-komponent 3.3 (Modernizzazzjoni tas-servizzi tal-impjegi u l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol); l-investment 4 (Appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp f'effetti ta' sinerġija mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni) tal-komponent 5.2 (Appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp fil-kumpaniji u l-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet fil-prattika tan-negozju); u l-investment 1 (Forniment ta' servizzi ta' konsulenza lill-unitajiet domestiċi, lill-intrapriżi u lis-settur pubbliku) tal-komponent 7.3 (Riforma Komprensiva tal-Konsulenza fuq il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fir-Repubblika Ċeka (REPowerEU)). Abbażi ta' dan, iċ-Ċekja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (5) Iċ-Ċekja spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba interess insuffiċjenti mill-applikanti. Dan jikkonċerna: l-investment 10 (Internazzjonalizzazzjoni tan-negozji) tal-komponent 1.4 (Ekonomija u soċjetà diġitali, negozji ġodda innovattivi u teknoloġija ġdida); l-investment 1 (Żvilupp ta' linja ġdida ta' kważi ekwità u strumenti ta' self ekoloġiku li jappoġġaw l-intraprenditorija) tal-komponent 4.2 (Strumenti ġodda ta' kważi ekwità għall-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-iżvilupp tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan (CMZRB) bħala Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp); u l-investment 2 (Sensibilizzazzjoni) tal-komponent 7.3 (Riforma komprensiva tal-Konsulenza fuq il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fir-Repubblika Ċeka (REPowerEU)). Abbażi ta' dan, iċ-Ċekja talbet li l-investment 10 tal-komponent 1.4 u l-investment 1 tal-komponent 4.2 jiġu emendati u li l-investment 2 tal-komponent 7.3 jitneħħa. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Iċ-Ċekja spjegat li ġew emendati żewġ miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna r-riforma 2 (Aċċellerazzjoni u diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli) tal-komponent 7.1 (Enerġija rinnovabbli u infrastruttura tal-elettriku (REPowerEU)) u r-riforma 1 (Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol) tal-komponent 7.4 (Adattament għall-iskejjel — promozzjoni tal-ħiliet ekoloġiċi u s-sostenibbiltà fl-universitajiet (REPowerEU)). Abbażi ta' dan, iċ-Ċekja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Peress li daww iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw emenda tal-miżuri, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (7) Iċ-Ċekja spjegat li 87 miżura ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna: ir-riforma 1 (Kundizzjonijiet għall-ġestjoni tal-ġabra ta' data ta' kwalità u l-iżgurar ta' aċċess ikkontrollat għad-data), l-investment 1 (Servizzi diġitali għall-utenti finali) u l-investment 4 (Servizzi diġitali għall-utenti finali fil-qasam soċjali) tal-komponent 1.1 (Servizzi diġitali għaċ-ċittadini u n-negozji); l-investment 1 (Żvilupp u titjib tas-sistemi ta' informazzjoni individwali), l-investment 2 (Żvilupp ta' reġistri u faċilitajiet ewlenin għall-Gvern elettroniku), l-investment 3 (Ċibersigurtà), l-investment 5 (Żieda fl-investment fiċ-ċibersigurtà), l-investment 6 (Żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni fil-qasam soċjali), ir-riforma 1 (Ċentri ta' kompetenza għall-appoġġ tal-Gvern elettroniku, iċ-Ċibersigurtà u s-Saħħa elettronika) u r-riforma 2 (Żvilupp ta' sistemi li jappoġġaw is-Saħħa elettronika) tal-komponent 1.2 (Sistemi ta' amministrazzjoni pubblika diġitali); ir-riforma 1 (Titjib tal-ambjent għall-introduzzjoni ta' networks ta' komunikazzjoni elettronika), ir-riforma 2 (Appoġġ għall-iżvilupp tal-ekosistema 5G), l-investment 1 (Bini ta' konnessjoni b'kapaċità għolja) u l-investment 4 (Attivitajiet ta' riċerka xjentifika relatati mal-iżvilupp ta' networks u servizzi 5G) tal-komponent 1.3 (Networks diġitali b'kapaċità għolja); investment 2 (Ċentru tal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali (EDMO)), investment 6 (Proġetti ta' applikazzjoni dimostrattiva għall-bliet u ż-żoni industrijali), investment 9 (Fond ta' fondi għall-iżvilupp ta' investimenti (pre)inizjali, teknoloġiji diġitali strateġiċi jew spin-offs), investment 11 (Ambjent ta' esperimentazzjoni regulatorja diġitali f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE) u investment 12 (Il-bini ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni kwantistika) tal-komponent 1.4 (Ekonomija u soċjetà diġitali, negozji ġodda innovattivi u teknoloġija ġdida); l-investment 1 (Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali),

l-investiment 3 (Trasformazzjoni diġitali tan-negozji) u l-investiment 5 (IPCEI Mikroelettronika u Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni (għotjiet)) tal-komponent 1.5 (Trasformazzjoni diġitali tal-intrapriżi); ir-riforma 1 (Implimentazzjoni tal-liġi l-ġdida dwar il-kostruzzjoni u l-liġi dwar it-tqassim f'żoni fil-prattika) u l-investiment 1 (Ingawdu l-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-ippjanar spazjali u l-politika tal-kostruzzjoni) tal-komponent 1.6 (Aċċellerazzjoni u diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-bini); ir-riforma 1 (L-Att dwar il-Ġestjoni tad-Data u l-Aċċess Ikkontrollat għad-Data) u l-investiment 2 (Titjib tas-sistema ta' ġestjoni għas-servizzi diġitalizzati) tal-komponent 1.7 (Trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika); l-investiment 1 (Applikazzjoni ta' teknoloġiji moderni għall-infrastruttura ferrovjarja) u l-investiment 3 (Titjib tal-ambjent (appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja) tal-komponent 2.1 (Trasport sostenibbli); l-investiment 2 (Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana fis-sistemi tat-tisħin distrettwali) tal-komponent 2.3 (Tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija aktar nodfa); l-investiment 1 (Infrastruttura tal-bini għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga), l-investiment 2 (Infrastruttura tal-bini – Punti tal-iċċarġjar għall-kumpaniji privati), l-investiment 3 (Infrastruttura tal-bini – Punti tal-iċċarġjar għall-bini residenzjali), l-investiment 4 (Għajjuna għax-xiri ta' vetturi – vetturi b'emissjonijiet zero għall-kumpaniji privati) u l-investiment 6 (Għajjuna għax-xiri ta' vetturi (trolleybuses tal-batteriji u linji tat-tramvija b'qiegħ baxx) għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga) tal-komponent 2.4 (Mobbiltà nadifa); l-investiment 1 (Rinnovazzjoni u rivitalizzazzjoni tal-bini għall-iffrankar tal-enerġija), l-investiment 3 (Appoġġ għat-tnejn tal-proġetti fil-qasam tal-iffrankar tal-enerġija) u r-riforma 1 (Attivitajiet edukattivi għas-sostenibbiltà u s-sensibilizzazzjoni dwar it-tibdil fil-klima) tal-komponent 2.5 (Rinnovazzjoni tal-bini u protezzjoni tal-arja); ir-riforma 2 (Finalizzazzjoni tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040), l-investiment 1 (Infrastruttura għar-riċiklaġġ tal-bini),

l-investment 2 (Soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji) u l-investment 3 (Iffrankar tal-ilma fl-industrija) tal-komponent 2.7 (Ekonomija ċirkolari, riċiklaġġ u ilma industrijali); l-investment 1 (Għajnuna għall-investment għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati speċifiċi), l-investment 2 (Għajnuna għall-investment għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati li huma proprjetà ta' muniċipalitajiet u reġjuni għall-użu mhux kummerċjali) u l-investment 3 (Għajnuna għall-investment għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati li huma proprjetà ta' muniċipalitajiet u reġjuni għall-użu kummerċjali) tal-komponent 2.8 (Rivitalizzazzjoni ta' siti abbandunati); l-investment 1 (Protezzjoni kontra n-nixfiet u l-għargħar tal-belt ta' Brno), l-investment 2 (Ġestjoni tal-ilma tax-xita f'agglomerazzjonijiet urbani), l-investment 3 (Ġestjoni tas-siti ta' Natura 2000 u speċijiet protetti ta' pjanti u animali) u r-riforma 2 (Stabbiliment ta' politika u ppjanar tal-pajsaġġ) tal-komponent 2.9 (promozzjoni tal-bijodiversità u l-ġlieda kontra n-nixfa); ir-riforma 1 (Att legali dwar l-akkomodazzjoni affordabbli), investment 1 (Faċilità ta' self konċessjonali), investment 2 (Faċilità ta' self subordinat) u investment 3 (Faċilità ta' koinvestment) tal-komponent 2.10 (Akkomodazzjoni affordabbli); riforma 1 (Riforma tal-kurrikula u tisħiħ tal-edukazzjoni tal-IT), investment 1 (Implimentazzjoni tal-kurrikulu rivedut u l-ħiliet diġitali tal-għalliema) u investment 2 (Tagħmir diġitali għall-iskejjel) tal-komponent 3.1 (Innovazzjoni fl-edukazzjoni fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni); riforma 1 (Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għal forom ġodda ta' apprendiment u ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol), riforma 2 (Appoġġ għal skejjel żvantaġġati) u investment 1 (Żvilupp ta' siti akkademiċi ewlenin magħżula) tal-komponent 3.2 (Adattament tal-programmi tal-iskejjel); ir-riforma 1 (Żieda fl-effiċjenza, orjentazzjoni favur il-klijent u l-użu tal-prinċipji tat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza fl-amministrazzjoni pubblika) tal-komponent 4.4 (Titjib fl-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika); l-investment 1 (Appoġġ għas-setturi kulturali u kreattivi reġjonali),

l-investment 2 (Diġitalizzazzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi) u l-investment 3 (Vawċers kreattivi u krediti tad-disinn) tal-komponent 4.5 (Żvilupp tas-settur kulturali u kreattiv); l-investment 1 (Appoġġ għar-Riċerka Pubblika & Żvilupp għal oqsma prijoritarji tax-xjenzi mediċi u x-xjenzi soċjali relatati) tal-komponent 5.1 (Riċerka u żvilupp eċċellenti fis-settur tas-saħħa); l-investment 1 (Appoġġ għall-introduzzjoni tal-innovazzjoni fil-prattika tan-negozju), l-investment 2 (Appoġġ għall-kooperazzjoni fir-R&Ż (f'konformità mal-Istrateġija Nazzjonali RIS3)), l-investment 3 (Għajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-ambjent), investment 5 (Għajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fl-intrapriżi f'konformità mal-istrateġija nazzjonali RIS3), investment 6 (Għajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tat-trasport) u investment 7 (Għajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam ambjentali) tal-komponent 5.2 (Appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp fil-kumpaniji u l-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet fil-prattika tan-negozju); riforma 1 (Ekosistema tar-R&Ż&I ġestita strateġikament u kompetittiva internazzjonalment) tal-komponent 5.3 (Ekosistema tar-R&Ż&I ġestita strateġikament u kompetittiva internazzjonalment); investment 1 (Ħolqien taċ-Ċentru ta' Simulazzjoni tal-Mediċina Intensiva) u investment 3 (Bini ta' ċentru għall-mediċina kardjovaskulari u tat-trapjanti) tal-komponent 6.1 (Żieda fir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa); riforma 2 (Appoġġ u tisħiħ tal-kwalità tal-programmi ta' skrinjar preventiv), l-investment 1 (Stabbiliment tal-Istitut Ċek tal-Onkoloġija), l-investment 2 (Żvilupp ta' kura onkoloġika u ematoonkoloġika speċjalizzata ħafna) u l-investment 3 (Stabbiliment u żvilupp taċ-Ċentru għall-Prevenzjoni u l-Infrastruttura tal-Kanċer għall-Kura Innovattiva u ta' Appoġġ fil-Masaryk Memorial Cancer Institute) tal-komponent 6.2 (Il-pjan nazzjonali biex jissaħħu l-prevenzjoni u l-kura onkoloġiċi); l-investment 1 (Kostruzzjoni, rinnovazzjoni u aġġornament tan-networks ta' distribuzzjoni),

l-investiment 2 (Miżura fuq skala akbar tal-Komponent 2.3 (Tranżizzjoni lejn Sorsi ta' Enerġija Aktar Nadifa) Użu tal-Fotovoltajċi) u r-riforma 3 (Titjib tal-prevedibbiltà, it-trasparenza u d-disponibbiltà tal-proċess ta' konnessjoni mal-grilja) tal-komponent 7.1 (Enerġija rinnovabbli u infrastruttura tal-elettriku (REPowerEU)); ir-riforma 1 (Komunitajiet tal-enerġija) u r-riforma 3 (Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku) tal-komponent 7.2 (Appoġġ għad-deċentralizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-enerġija (REPowerEU)); ir-riforma 1 (Punti uniċi ta' servizz għall-komunitajiet tal-enerġija u r-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika) u r-riforma 2 (Gwida tad-data u metodoloġika u taħriġ għas-sistema konsultattiva) tal-komponent 7.3 (Riforma Komprensiva tal-Konsulenza fuq il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fir-Repubblika Ċeka (REPowerEU)); ir-riforma 1 (Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Mobbiltà Nadifa u miri ta' varar għal mobbiltà b'emissjonijiet żero), ir-riforma 3 (Titjib tal-qafas regolatorju għall-idroġenu rinnovabbli), ir-riforma 4 (Kundizzjonijiet abilitanti għal infrastruttura ta' fjuwils alternattivi b'emissjonijiet żero) u l-investiment 1 (Miżura fuq skala akbar: Għajjnuna għax-xiri ta' vetturi – vetturi b'emissjonijiet żero għall-kumpaniji privati) tal-komponent 7.5 (Dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq (REPowerEU)); l-investiment 1 (Elettrifikazzjoni fir-reġjun ta' Brno) tal-komponent 7.6 (Elettrifikazzjoni tat-trasport ferrovjarju (REPowerEU)); u r-riforma 2 (Żoni ta' aċċellerazzjoni rinnovabbli) tal-komponent 7.7 (Simplifikazzjoni tal-proċess tal-permessi ambjentali u definizzjoni tal-oqsma għall-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (REPowerEU)). Abbażi ta' dan, iċ-Ċekja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (8) Wara t-tneħħija u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, iċ-Ċekja talbet li tuża r-riżorsi lliberati bit-tneħħija tal-miżuri u t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' tliet miżuri u żżid miżura waħda. Dan jikkonċerna: l-investment 3 (Ċibersigurtà) tal-komponent 1.2 (Sistemi ta' amministrazzjoni pubblika diġitali); l-investment 5 (Għajnuna għax-xiri ta' vetturi u infrastruttura b'emissjonijiet zero għall-muniċipalitajiet, ir-regġuni, l-amministrazzjoni tal-istat u entitajiet pubbliċi oħra) tal-komponent 2.4 (Mobbiltà nadifa); l-investment 2 (Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis f'unitajiet domestiċi b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli) tal-komponent 2.5 (Rinnovazzjoni tal-bini u protezzjoni tal-arja); u l-investment 3 (Titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fl-akkomodazzjoni residenzjali) tal-komponent 7.3 ((Riforma komprensiva tal-parir dwar il-mewġa ta' rinnovazzjoni fir-Repubblika Ċeka (REPowerEU)). Abbażi ta' dan, iċ-Ċekja talbet li jiżded il-livell ta' implimentazzjoni ta' tliet miżuri (jiġifieri l-investment 3 (Ċibersigurtà) tal-komponent 1.2 (Sistemi ta' amministrazzjoni pubblika diġitali), l-investment 5 (Għajnuna għax-xiri ta' vetturi u infrastruttura b'emissjonijiet zero għall-muniċipalitajiet, ir-regġuni, l-amministrazzjoni tal-istat u entitajiet pubbliċi oħra) tal-komponent 2.4 (Mobbiltà nadifa) u l-investment 2 (Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis f'unitajiet domestiċi b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli) tal-komponent 2.5 (Rinnovazzjoni tal-bini u protezzjoni tal-arja)) u miżura ġdida waħda (jiġifieri l-investment 3 (Titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fl-akkomodazzjoni residenzjali) tal-komponent 7.3 (Riforma komprensiva tal-parir dwar il-mewġa ta' rinnovazzjoni fir-Repubblika Ċeka (REPowerEU)).

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (9) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata miċ-Ċekja.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (10) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-bijodiversità

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 42,73 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat u 98,63 % tal-kost totali stmat tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU, ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (12) L-emendi li jikkonċernaw il-kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika huma relatati mal-bidliet fl-ittaggjar klimatiku u r-riallokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji fost: l-investment 1 (Titjib tar-rendiment tal-bini tal-istat fl-użu tal-enerġija) u l-investment 3 (Titjib tar-rendiment tal-bini pubbliku fl-użu tal-enerġija) tal-komponent 2.2 (Tnaqqis tal-konsum tal-enerġija fis-settur pubbliku); l-investment 2 (Infrastruttura tal-bini – Punti tal-iċċarġjar għall-kumpaniji privati) u l-investment 5 (Għajjnuna għax-xiri ta' vetturi u infrastruttura b'emissjonijiet zero għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni, l-amministrazzjoni tal-istat u entitajiet pubbliċi oħra) tal-komponent 2.4 (Mobilità nadifa); l-investment 2 (Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis fl-unitajiet domestiċi b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli) tal-komponent 2.5 (Rinnovazzjoni tal-Bini u Protezzjoni tal-Arja); l-investment 1 (Infrastruttura tar-riċiklaġġ tal-bini) tal-komponent 2.7 (Ekonomija ċirkolari, riċiklaġġ u skart industrijali); l-investment 3 (Ġestjoni tas-siti ta' Natura 2000 u speċijiet protetti ta' pjanti u annimali) u l-investment 4 (Adattament tal-ekosistemi akkwatiċi, mhux tal-foresti u tal-foresti għat-tibdil fil-klima) tal-komponent 2.9 (Promozzjoni tal-biodiversità u l-ġlieda kontra n-nixfa); l-investment 2 (Żieda fil-kapaċità tal-faċilitajiet ta' qabel l-iskola), l-investment 3 (Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali) u l-investment 4 (Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura fil-qasam tal-kura għat-tfal f'riskju) tal-komponent 3.3 (Modernizzazzjoni tas-servizzi tal-impjiegi u żvilupp tas-suq tax-xoġhol); l-investment 1 (Żvilupp ta' linja ġdida ta' kważi ekwità u strumenti ta' self ekoloġiku li jappoġġaw l-intraprenditorija) tal-komponent 4.2 (Strumenti ġodda ta' kważi ekwità għall-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-iżvilupp tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan (CMZRB) bħala Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp); u r-riforma 1 (Punti uniċi ta' servizz għall-komunitajiet tal-enerġija u r-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika), ir-riforma 2 (Data u gwida metodoloġika u taħriġ għas-sistema konsultattiva), l-investment 1 (Provvista ta' servizzi ta' konsulenza lill-unitajiet domestiċi, lill-intrapriżi u lis-settur pubbliku) u l-investment 2 (Titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija fl-akkomodazzjoni residenzjali) tal-komponent 7.3 (Riforma komprensiva tal-konsulenza dwar il-mewġa ta' rinnovazzjoni fir-Repubblika Ċeka (REPowerEU)). Dan jinvolti żieda żgħira fil-kontribut ġenerali għall-mira klimatika. Il-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 22,39 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (14) L-emendi li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali huma relatati mar-riallokkazzjoni tar-riżorsi finanzjarji fost: ir-riforma 2 (Servizzi tas-Saħħa elettronika) tal-komponent 1.1 (Servizzi diġitali għaċ-ċittadini u n-negozji); l-investment 3 (Ċibersigurtà) u l-investment 5 (Żieda fl-investment fiċ-ċibersigurtà) tal-komponent 1.2 (Sistemi ta' amministrazzjoni pubblika diġitali); l-investment 2 (Kopertura tal-kurituri 5G u promozzjoni tal-iżvilupp tal-5G) u l-investment 3 (Appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura mobbli 5G f'żoni bojod b'investment rurali intensiv) tal-komponent 1.3 (Networks diġitali ta' kapaċità għolja); l-investment 10 (Internazzjonalizzazzjoni tan-negozji) tal-komponent 1.4 (Ekonomija u soċjetà diġitali, negozji ġodda innovattivi u teknoloġiji ġodda); l-investment 1 (Żvilupp ta' politiki tas-suq tax-xogħol) tal-komponent 3.3 (Modernizzazzjoni tas-servizzi tal-impjiegi u l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol); u l-investment 4 (Appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp f'effetti ta' sinerġija mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni) tal-komponent 5.2 (Appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp fil-kumpaniji u l-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet fil-prattika tan-negozju). Dan jinvolvi tnaqqis żgħir fil-kontribut ġenerali għall-mira diġitali. Il-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kalkolu tal-kostijiet

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (16) Għall-valutazzjoni tal-kostijiet tal-RRP oriġinali fl-2021, iċ-Ċekja pprovdiet stimi li jiddependu fuq ġustifikazzjoni, evidenza u metodoloġija xierqa għall-maġġoranza tal-kost tal-miżuri inklużi fl-RRP. L-informazzjoni dwar il-kostijiet u d-dokumenti ta' sostenn ġew moderatament ipprovduti. Ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li se jkunu indeboliti r-raġonevolezza, il-plawżibbiltà u l-addizzjonalità ġenerali tal-istimi tal-kostijiet.

- (17) Iċ-Ċekja pprovdiet stimi individwali tal-kost għall-biċċa l-kbira tal-investimenti u r-riformi emendati u għodda b'kost assoċjat inkluż fl-RRP aġġornat, filwaqt li bbażat fuq għadd ta' sorsi biex tiġġustifikahom. Għall-miżuri emendati, l-aġġornament huwa jew ibbażat fuq l-istess suppożizzjonijiet inkella aġġustat abbażi tar-riżultati tal-offerti mwettqa għal proġetti simili attwali, jew saħansitra abbażi tar-riżultati tal-offerti għall-proġett rilevanti fejn l-implimentazzjoni tiegħu tkun diġà bdiet. Għall-miżuri li għadhom kif ġew introdotti, il-kost ġie kkalkolat bl-użu ta' approċċi minn isfel għal fuq, b'referenza għall-prezzijiet tas-suq jew il-prezzijiet ta' unitajiet simili f'investimenti tal-passat għall-fatturi ewlenin tal-kost, jew mill-kalkolu tal-kost derivat mid-data tal-kostijiet ta' investimenti simili mwettqa. B'riżultat ta' dan, l-istimi tal-kost għall-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-RRP huma meqjusa raġonevoli. L-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi man-natura u t-tip tar-riformi u l-investimenti previsti. B'riżultat ta' dan, l-istimi tal-kost għall-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-RRP huma meqjusa plawżibbli. Iċ-Ċekja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kost totali stmat mhux kopert minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (18) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati miċ-Ċekja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d),(da), (db), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-obiettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform)

- (19) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, iċ-Ċekja qieset bħala proġetti ta' prijorità dawk il-proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795. Madankollu, iċ-Ċekja ma nkludiet l-ebda tali proġett fl-RRP emendat minħabba t-tnaqqis tal-kost totali stmat tal-RRP.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

Valutazzjoni pożittiva

- (20) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b' mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (21) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat taċ-Ċekja huma ta' EUR 8 752 357 444. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għaċ-Ċekja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat għaċ-Ċekja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 8 409 179 142. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għaċ-Ċekja tibqa' l-istess.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Self

- (22) Sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, sar disponibbli għaċ-Ċekja appoġġ totali fil-forma ta' self ta' EUR 818 136 635 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2023. Wara t-trasferiment tal-investiment 5 (Żieda fl-investiment fiċ-ċibersigurtà) tal-komponent 1.2 (Sistemi ta' amministrazzjoni pubblika diġitali) u l-investiment 3 (Faċilità ta' koinvestment) tal-Komponent 2.10 (Akkomodazzjoni affordabbli) għal għotjiet skont l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241, iċ-Ċekja ma talbitx li tuża r-riżorsi ta' self liberati biex tappoġġa miżuri ġodda jew biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti fi ħdan l-RRP. L-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa inqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għaċ-Ċekja u l-appoġġ fil-forma ta' self li kien sar disponibbli għaċ-Ċekja permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2023. Għalhekk, l-appoġġ totali fil-forma ta' self disponibbli għaċ-Ċekja jenħtieġ li jitnaqqas għal EUR 343 142 953.

- (23) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 jiġi sostitwit kompletament.
- (24) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat taċ-Ċekja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għaċ-Ċekja hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2a, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni taċ-Ċekja self li jammonta għal massimu ta' EUR 343 142 953.”;
- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill
Il-President
